MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 985/2009

**Carmelo Mifsud**

**Vs**

**Godwin Mifsud**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ dsatax-il elf tmien mija u wiehed u hamsin ewro (€19,851) bilanc ghal xoghol tal-bini li jghid li ghamel bejn is-sena 2002 u 2005 fi proprjeta tal-konvenut gewwa l-Madliena. Skond stima li saret minn Emmanuel Psaila bid-data tal-20 ta’ April 2008, ix-xoghol li ghamel l-attur ghandu valur ta’ Lm35,384.78. Il-partijiet jaqblu ma’ din l-istima. Id-divergenza hi dwar il-hlasijiet li saru mill-konvenut waqt li kien ghaddej ix-xoghol.
Permezz ta’ risposta guramentata l-konvenut isostni li:-
1. Ir-rikors guramentat hu null ghaliex m’huwiex konformi ma’ dak li jikkontempla l-Artikolu 156 tal-Kap. 12. Il-konvenut irrinunzja ghal din l-eccezzjoni.

2. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
3. Hemm qbil li l-attur ghamel xoghol fil-proprjeta tal-konvenut bejn is-sena 2002 u 2006.
4. Il-konvenut hallas €95,737.25 kif jirrizulta mid-dokumenti stess li pprezenta l-attur.
5. Il-konvenut mhux hallas dak kollu li kien dovut, talli hallas iz-zejjed.

Il-konvenut ressaq ukoll talba rikonvenzjonali li permezz taghha qieghed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' tlettax-il elf tlett mija u tnax-il ewro u tmienja u tmenin centezmu (€13,312.88), hlas zejjed li jsostni li ta lill-attur. Min-naha tieghu l-attur ipprezenta twegiba guramentata fejn irrepeta dak li ppremetta fir-rikors guramentat u ddikjara li mhu dovut l-ebda hlas lill-konvenut ghaliex thallas biss is-somma ta' erbgha u sittin elf u sebgha u hamsin ewro u sebghin u sebghin centezmu (€64,057.77). Dan apparti kont iehor mahrug mill-attur fl-20 ta' April 2008 ghas-somma ta' tlett elef mitejn u erbgha u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3,284.42) ghal xoghol iehor.
Fl-10 ta' Gunju 2010 il-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili.
Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2011 id-difensuri ddikjaraw :-
*'fir-rigward tac-cekkijiet li kopja taghhom tinsab esebita fl-atti, m'hemmx kwistjoni li dawn inghataw lill-attur u sarrafhom. L-unika vertenza li hemm hi dwar ir-ricevuti a fol. 81 u 87 in kwantu l-attur qieghed isostni li dan iffirmahom bhala ricevuta ta' cekkijiet li rcieva minghand Godwin Mifsud, filwaqt li l-konvenut jsostni li dawn kienu zewg pagamenti fi flus kontanti u ghalhekk ma ghandhom x'jaqsmu xejn mac-cekkijiet.'*.
Wara li l-qorti rat l-atti tosserva li:-
i. Hemm qbil bejn il-partijiet li:-

a. Inizjalment thallas depozitu ta' Lm1,100.
b. Fil-kors tax-xogholijiet kienu qeghdin isiru pagamenti mill-konvenut.
c. Il-valur tax-xoghol hu ta' Lm35,384.78 kif dikjarat fid-dokument mahrug minn Emmanuel Psaila. Madankollu l-

attur jippretendi li hemm ukoll €3,284.42 ghal xoghol li ghamel skond kont mahrug fl-20 ta' April 2008.
d. Hlasijiet kienu jsiru b'cekk *post dated* (ara deposizzjoni tal-konvenut u ta' ibnu). Madankollu l-konvenut qieghed isostni li kien hemm zewg pagamenti li saru fi flus kontanti, dawk tas-6 ta' Awissu 2002 u 15 ta' Mejju 2003 (ara wkoll verbal tat-12 ta' April 2011), u li l-attur m'huwiex jinkludi fil-konteggi.

ii. L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni tal-kont li jghid li hareg fl-20 ta' April 2008 ghal €3,284.42. Mid-dokument esebit a fol. 9 (Dok. B), jidher li x-xoghol sar fir-razzett. M'hemm l-ebda taghrif meta sar. Il-qorti ma tifhimx kif dan ix-xoghol ma giex inkluz fir-rapport li ghamel Emmanuel Psaila li jgib l-istess data. F'dak ir-rapport, li pprezenta l-attur flimkien mar-rikors guramentat, jinghad li l-partijiet jaqblu dwar il-valur tax-xoghol li sar mill-attur fir-razzett. Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex ser tqies din is-somma bhala ppruvata.

iii. Il-hlasijiet li l-konvenut ighid li saru permezz ta' flus kontanti, ma sarux. Skond ma gie ddikjarat waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju 2011 l-allegazzjoni hi li saru zewg pagamenti fi flus kontanti, u li jirrizultaw minn zewg ricevuti li hemm fl-atti:-

'

*6-08-02*
*I Mr Carmenu Mifsud ID185256M Received the sum of (Two Thousand five hundred) 2,500 on Account of work at Madliena Farmhouse from Mr Godwin Mifsud ID 830857M.'* , u ffirmata mill-attur; u

'

*15/05/03*
*I Mr Carmelo Mifsud Recved the sum of Lm5000 Malta liri from Mr Godwin Mifsud work done @ farm house'*.

Il-qorti hi moralment konvinta li l-ewwel ricevuta qeghda tirreferi ghal cekkijiet datati 15 ta' Settembru 2002, 15 ta'

Ottubru 2002, 15 ta’ Novembru 2002, 15 ta’ Dicembru 2002 u 15 ta’ Jannar 2003 ghal Lm500 kull cekk.

Ghal dak li jikkoncerna dik li l-konvenut jirreferi ghaliha bhala ricevuta ta’ Lm5,000 wara hlas fi flus kontanti, il-qorti hi tal-fehma li dik id-dikjarazzjoni qeghda tirreferi ghac-cekkijiet bid-data tat-30 ta’ Gunju 2003, 30 ta’ Lulju 2003, 30 ta’ Awwissu 2003, 30 ta’ Settembru 2003, 30 ta’ Ottubru 200, 30 ta’ Novembru 2003, 30 ta’ Dicembru 2003, 30 ta’ Jannar 2004 u 30 ta’ Frar 2004 u 30 ta’ Marzu 2004. Kull cekk kien ghal Lm500, b’kollox Lm5,000.

Il-qorti temmen li l-hlasijiet kienu jsiru permezz ta’ cekkijiet u mhux fi flus kontanti. Il-*modus operandi* bejn il-kontendenti fiz-zmien li kien ghaddej ix-xoghol, kien ta’ hlas akkont ta’ Lm500 kull xahar li jsir permezz ta’ post dated cheques . Kien hemm ukoll zewg cekkijiet ta’ Lm5,000 kull wiehed, li kienu jirreferu ghal hlas minn bejgh ta’ zewg garaxxijiet tal-konvenut li ha hsiebhom l-attur u fir-rigward ta’ liema l-partijiet ftehemu li Lm500 minn kull cekk l-attur kellu jzommhom bhala qliegh ghalih (ara deposizzjoni tal-konvenut). M’hemm l-ebda indikazzjoni li sar hlas permezz ta’ flus kontanti. Interessanti wkoll kif fid-dokument imhejji minn Psaila, fil-parti hlasijiet ma jissemmew l-ebda hlasijiet fi flus kontanti. Inoltre meta xehed il-konvenut u l-qorti bdiet tistaqsih dwar minn fejn kien gab il-flus kontanti li jallega li hallas bihom lill-attur, qal li l-flus kienu minn pagamenti li rcieva minghand klijenti tieghu. Pero semma wkoll li l-flus ikun gabhom mill-bank. Apparti li ma tressqet l-ebda prova ta’ dan, din il-verzjoni tikkontradici dak li qal li l-flus kienu ghandu peress li l-klijenti tieghu jhallsuh fi flus kontanti. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut ma kienx konsistenti. Hu altru milli evidenti li l-konvenut lanqas lill-gudikant li kien qieghed jisma’ l-kaz ma kkonvinca tant li fil-verbal tat-12 ta’ April 2011 jinghad: *‘Il-konvenut ghandu jipproduci l-kotba tal-kummerc tieghu u/jew statements bankarji li jitfghu dawl fuq il-provenjenza tal-hlasijiet fi flus kontanti li allegatament saru fis-6 ta’ Awissu 2002 fl-ammont ta’ Lm2,500 u fil-15 ta’ Mejju 2003 fl-ammont ta’ Lm5,000.’*. F’dan il-kuntest ma tressqet l-ebda prova.

Wara li l-qorti rat id-dokumenti esebiti, u qieset dak li xehedu l-kontendenti u iben l-attur, hi tal-fehma li l-attur ghadu ma thallasx is-somma ta' **erbatax-il elf sitt mija u sebgha u tletin ewro (€14,637)**.
Madankollu hemm ukoll l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, li l-konvenut qatt ma rrinunzja ghalihom fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Fl-affidavit li pprezenta fil-21 ta' Lulju 2010, l-attur xehed li ghamel xoghol ta' bini f'razzett fil-Madliena bejn is-snin 2002 u 2005, u bitha ta' Xwieki. Il-konvenut ighid li x-xoghol tlesta fl-ahhar tas-sena 2006. Fil-kors tax-xoghol, il-konvenut ghamel hlasijiet akkont. Jirrizulta li fl-2008 il-partijiet iltaqghu biex jaghmlu konteggi. Filwaqt li ftehemu dwar il-valur ta' xoghol li wettaq l-attur, ma qablux dwar il-hlasijiet li saru lill-attur. Filwaqt li l-attur kien qieghed isostni li kien ghad fadallu jircievi l-hlas, il-konvenut ma qabilx u anzi qal li hallas izzejjed. Il-kawza kienet prezentata fit-13 ta' Ottubru 2009. Jirrizulta li Mifsud ghamel l-ahhar pagament b'cekk datat 15 ta' Dicembru 2005 fl-ammont ta' Lm500 (€1,164). Mid-dokument li ghamel Emmanuel Psaila jirrizulta li x-xoghol li ghamel l-attur kien jikkonsisti fi twaqqiegh ta' hitan, hnejjiet, saqaf u kmamar, bini ta' kmamar, hnejjiet, ftuh ta' bibien u twieqi u tqeghid ta' katusi. Il-preskrizzjoni tista' tigi interrotta u tivverifika ruhha fil-kors tal-preskrizzjoni, jew id-debitur jista' wkoll jirrinunzja ghaliha. Hu maghruf li r-rikonoxximent tad-dejn jista' ikun jew espress jew tacitu. Mill-provi rrizulta li fl-20 ta' April 2008 kienet saret laqgha sabiex isiru l-konteggi. Fir-risposta guramentata l-konvenut iddikjara li dan l-ezercizzju kien sar ghaliex l-attur kien qieghed jippretendi hlas filwaqt li hu accertah li xejn ma kien dovut. Il-qorti ma temminx din il-verzjoni in kwantu hu evidenti li kien hemm xoghol li ma tkejjilx u jidher li kienu ghadhom ma ftehemux dwar rati ta' hlas ghax-xoghol li sar. Fil-fehma tal-qorti l-atteggjament tal-konvenut jaghtiha x'tifhem li ma kienx kuntrarju ghall-hlas jekk, wara l-verifiki jirrizulta li kienu dovuti xi flus lill-attur. Il-qorti ma tista' tara l-ebda skop iehor ghalfejn wara dawk ix-xhur kollha li tlesta x-xoghol, il-partijiet iltaqghu biex jittiehed il-kejl u jinhareg il-kont bil-valur tax-xoghol li ghamel l-attur. M'huwiex importanti min ried jaghmel il-kontijiet. Rilevanti hu l-atteggjament, li ghal din il-qorti m'huwiex kompatibbli mal-volonta' tal-konvenut li

javvantaggja ruhu mill-preskrizzjoni estintiva. M'huwiex importanti jekk ghal kaz japplikax l-Artikolu 2147 jew 2148 tal-Kodici Civili, peress li mill-20 ta' April 2008 (data meta l-kontendenti ltaqghu, sar il-kejl u ftehemu r-rati) sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat kienu ghadhom m'ghaddewx it-termini kontemplati fl-imsemmija provvedimenti. Kien biss wara li ftehemu x'kien il-valur tax-xoghol li ghamel l-attur, li l-konvenut beda jsostni li m'ghandu jhallas xejn u li anzi kien hallas zejjed. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ser jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.**

**2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament ghas-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u sebgha u tletin ewro (€14,637), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat. Spejjez jinqasmu tlett kwarti a karigu tal-konvenut u kwart a karigu tal-attur.**

**3. Tichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut in kwantu mill-provi ma rrizultax li l-attur ircieva hlas iktar milli kien intitolat ghalih. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------